

Brussell, 20 ta' Frar 2026
(OR. en)

6508/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0344 (COD)**

**ENV 144
CLIMA 74
AGRI 129
FORETS 24
ENER 81
TRANS 84
CODEC 263**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 39 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li tikkonċerna pożizzjoni tal-Kunsill dwar Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 39 final.

Mehmuż: COM(2026) 39 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.2.2026
COM(2026) 39 final

2022/0344 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

li tikkonċerna

pożizzjoni tal-Kunsill dwar Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

li tikkonċerna

pożizzjoni tal-Kunsill dwar Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma

1. SFOND

Data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (dokument COM(2022)0540 – 2022/0344 COD)	22 ta' Ottubru 2022
Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	22 ta' Frar 2023
Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari:	24 ta' April 2024
Data li fiha ntbagħtet il-proposta emendata:	M.A.
Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	17 ta' Frar 2026

2. OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Filwaqt li jitqies l-objettiv ġenerali tal-politika tal-UE dwar l-ilma, il-proposta kellha l-għan li:

- iżżid il-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE u tal-ekosistemi naturali billi tipproponi sustanzi niġġiesa addizzjonali u standards ta' kwalità ambjentali relatati li għandhom jiġu rrispettati fil-korpi tal-ilma ta' taħt l-art u tal-wiċċ;
- iżżid l-effettività u jitnaqqas il-piż amministrattiv tal-leġiżlazzjoni, sabiex l-UE tkun tista' tirreġixxi aktar malajr għar-riskji emerġenti.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill kif adottata fl-ewwel qari tirrifletti bis-sħiħ il-qbil politiku li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fit-23 ta' Settembru 2025. Il-Kummissjoni tappoġġa dan il-qbil, li l-punti ewlenin tiegħu huma stabbiliti hawn taħt.

(a) Lista riveduta ta' sustanzi u standards ta' kwalità relatati

Fil-qofol tal-proposta tal-Kummissjoni, il-ftehim politiku jżomm il-maġġoranza tar-reviżjonijiet proposti mill-Kummissjoni. Madankollu, il-koleġiżlaturi qablu dwar xi bidliet sinifikanti:

- **“Deklassifikazzjoni” ta' żewġ sustanzi addizzjonali** (*atrażina* u *triklorobenżen*) flimkien mal-erba' sustanzi prijoritarji li tneħħew mil-lista fil-proposta tal-

Kummissjoni. L-użu tat-*triklorobenżen* kien fil-biċċa l-kbira ristrett, u l-aħħar data turi xejra 'l isfel, filwaqt li *Atrazine* ilu pprojbit fl-UE mill-2004. Dawn is-sustanzi huma għalhekk imċaqalqa mil-lista ta' sustanzi niġġiesa tal-ilma tal-wiċċ fl-Anness I (sustanzi ta' tħassib għall-UE kollha) għall-Anness II (sustanzi niġġiesa ta' tħassib nazzjonali) tad-Direttiva 2008/105/KE. B'riżultat ta' dan, se jkun meħtieġ biss li jiġu mmonitorjati u li jkun hemm konformità magħhom fl-Istati Membri fejn is-sustanzi għadhom ta' tħassib.

- **Il-posponiment għal rieżami futur** tal-kunsiderazzjoni tal-istabbiliment ta' standards ta' kwalità għas-somom ta' u/jew it-totali għal familji kumplessi ta' sustanzi bħall-farmaċewtiċi, il-pestiċidi, il-bisfenoli, u l-PFAS u l-inkarigar lill-Kummissjoni biex twettaq ħidma metodoloġika addizzjonali dwar metodi u approċċi ta' monitoraġġ xierqa għall-istabbiliment ta' standards ta' kwalità għar-rieżami leġiżlattiv li jmiss.
- **Farmaċewtiċi fl-ilma ta' taħt l-art:** minflok l-istandard ta' kwalità għal "farmaċewtiċi totali" propost mill-Kummissjoni, huwa stabbilit standard ta' kwalità uniformi għal sustanzi farmaċewtiċi individwali ta' tħassib nazzjonali fl-ilma ta' taħt l-art. Madankollu, l-Istati Membri huma meħtieġa jstabbilixxu standard aktar strett fejn ikunu ġew identifikati ekosistemi sensitivi tal-ilma ta' taħt l-art. Is-sustanza *Primidone* (medikazzjoni antiepilettika) hija inkluża fl-Anness I tal-GWD bħala sustanza niġġiesa ta' tħassib għall-UE kollha.
- **Ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art:** Il-koleġiżlaturi qablu li jdaħħlu nota f'qiegħ il-paġna li tirrikjedi li l-Istati Membri jstabbilixxu valuri ta' limitu aktar stretti għas-sustanzi niġġiesa tal-ilma ta' taħt l-art fejn dan ikun iġġustifikat abbażi ta' evidenza xjentifika u soġġett għal metodu affidabbli fis-seħħ biex tiġi identifikata l-preżenza tal-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art. Il-koleġiżlaturi jinkarigaw ukoll lill-Kummissjoni biex tiżviluppa, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, metodoloġija biex tiġi identifikata l-preżenza tal-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art.
- **Metaboliti mhux rilevanti (nrMs, non-relevant metabolites) tal-pestiċidi fl-ilma ta' taħt l-art:** Il-ftehim iżomm il- "valur medju" ta' 1 µg/l u total ta' 5 µg/l mill-proposta oriġinali, filwaqt li jippermetti lill-Istati Membri jstabbilixxu standard individwali iktar jew inqas strett jekk dan ikun iġġustifikat abbażi tad-data disponibbli dwar it-tossiċità tas-sustanza. Dan jirrikjedi wkoll li l-Kummissjoni tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi lista (mhux eżawrjenti) ta' nrMs fi żmien 24 xahar mid-dħul fis-seħħ, li għandha tiġi riveduta regolament.
- **Pestiċidi fl-ilma tal-wiċċ:** Il-koleġiżlaturi qablu dwar standard ta' kwalità ta' 0,2 µg/l għal somma ta' subsett ta' pestiċidi (madwar 30) li diġà huma elenkati fl-Anness I tad-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali.
- **Standards ta' Kwalità għal somma ta' PFAS magħżula fl-ilma ta' taħt l-art u fl-ilma tal-wiċċ:** Għall-ilma tal-wiċċ, il-koleġiżlaturi qablu mal-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi standard strett ta' 0,0044 µg/l għal somma ta' 24 PFAS u li **żid ukoll it-TFA (aċidu trifluworoaċetiku) mas-somma ta' 24 PFAS, li jagħmilha somma ta' 25 PFAS.** Għall-ilma ta' taħt l-art, il-koleġiżlaturi ma żammewx il-proposta tal-Kummissjoni li tiġi inkluża l-istess somma ta' 24 PFAS bħal fl-ilma tal-wiċċ iżda qablu li japplikaw l-istandard strett ta' kwalità ta' 0,0044 µg/l għas-somma ta' 4 tal-PFAS l-aktar perikolużi. Barra minn hekk, il-koleġiżlaturi qablu dwar l-inklużjoni – bi klawżola ta' allinjament dinamiku – ta' standard ta' kwalità inqas strett għal somma ta' 20 PFAS, li huwa allinjat mal-valur previst skont id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb (DWD, Drinking Water Directive).

Ġie miftiehem ukoll li jiġi kkunsidrat l-istabbiliment ta' standard ta' kwalità għat-TFA fl-ilma ta' taħt l-art (separatament jew bħala parti minn somma) f'rieżami futur.

(b) Monitoraġġ u rapportar

- **Rapportar aktar frekwenti ta' data ta' monitoraġġ u tħassir ta' rapportar dwar il-progress ta' programmi ta' miżuri:** Il-koleġiżlaturi aċċettaw il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi żgurat rapportar aktar regolari, permezz ta' mekkaniżmi awtomatizzati għas-sottomissjoni tad-data, tad-data ta' monitoraġġ. Il-koleġiżlaturi aċċettaw ukoll li jissimplifikaw ir-rapportar billi jħassru l-obbligu għall-Istati Membri li jissottomettu rapport interim dwar il-progress fil-programmi ta' implimentazzjoni tal-miżuri, għax iqisu tali rapportar bħala mhux effettiv u ta' piż.
- **Rwoli msaħħa għall-EEA u l-ECHA:** Il-koleġiżlaturi laqgħu l-proposta tal-Kummissjoni li tiċċara u ssaħħaħ ir-rwoli tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) f'termini ta' punt uniku ta' servizz għall-ġbir tad-data ta' monitoraġġ, u tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), f'termini ta' appoġġ lill-Kummissjoni f'reviżjonijiet futuri tal-listi ta' sorveljanza u tal-listi ta' sustanzi niġġiesa.
- **Listi ta' sorveljanza tal-ilma ta' taħt l-art u tal-wiċċ:** Il-koleġiżlaturi qablu mal-biċċa l-kbira tal-elementi tal-proposta tal-Kummissjoni, billi għamlu l-monitoraġġ tal-"lista ta' sorveljanza" fl-ilma ta' taħt l-art obligatorju u ssimplifikaw il-proċedura kemm għall-monitoraġġ tal-lista ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ kif ukoll tal-ilma ta' taħt l-art biex jagħmluha aktar effettiva u maniġġabbli. Il-koleġiżlaturi qablu wkoll li jżidu l-mikroplastiki u l-ġeni ta' reżistenza għall-antimikrobiċi fil-listi ta' sorveljanza futuri ladarba jkunu ġew żviluppati metodi xierqa, sabiex tkun tista' tinġabar data dwar il-konċentrazzjoni ta' tagħhom fl-ilma sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' metodoloġija ta' valutazzjoni tar-riskju.
- **Monitoraġġ mandatorju bbażat fuq l-effetti tal-interferenti endokrinali:** Il-koleġiżlaturi qablu li jintroduċu ttestjar obligatorju ta' monitoraġġ ibbażat fuq l-effetti ta' ċerti interferenti endokrinali għal perjodu ta' sentejn, filwaqt li inkarigaw lill-Kummissjoni tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa. Il-koleġiżlaturi inkarigaw ukoll lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li tipproponi, fil-kuntest tal-aġġornament li jmiss tal-listi ta' sustanzi niġġiesa, l-użu ta' tali metodi u valuri ta' skattar relatati, anke għal gruppi oħra ta' sustanzi.
- **Inventarji tal-emissjonijiet:** filwaqt li jibnu fuq il-proposta tal-Kummissjoni, il-koleġiżlaturi qablu li jiżguraw rapportar kompletament simplifikat tal-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa, inklużi l-emissjonijiet diffużi, lill-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali, u b'hekk tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni tar-rapportar peress li l-informazzjoni mhux se tibqa' meħtieġa li tiġi rrapportata bħala parti mill-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara.
- **Ir-rapportar tar-riżultati tal-monitoraġġ fil-mapep; l-użu ta' indikaturi tal-progress:** il-koleġiżlaturi qablu mal-emendi tal-Kunsill biex jinkludu diversi mapep addizzjonali biex ikopru diversi kombinazzjonijiet ta' elementi ta' kwalità u biex il-Kummissjoni taħdem flimkien mal-Istati Membri u mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar l-iżvilupp ta' "indikaturi tal-progress" uniformi.
- **Faċilità Konġunta ta' Monitoraġġ:** il-koleġiżlaturi qablu li jinkarigaw lill-Kummissjoni b'valutazzjoni tal-fattibbiltà tal-istabbiliment ta' Faċilità Konġunta ta' Monitoraġġ biex tappoġġa lill-Istati Membri fuq bażi volontarja biex jimmaniġġjaw

ir-rewkiżiti ta' monitoraġġ, u b'hekk itaffu l-piżijiet finanzjarji u amministrattivi tal-Istati Membri.

- **Sistema ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (EPR, Extended Producer Responsibility):** Il-koleġiżlaturi qablu li jinkarigaw lill-Kummissjoni biex twettaq valutazzjoni tal-fattibbiltà li tirrikjedi li l-produtturi li jqiegħdu fis-suq tal-UE prodotti li fihom kwalunkwe waħda mis-sustanzi elenkati fl-Annessi I tad-Direttivi 2006/118/KE u 2008/105/KE jikkontribwixxu għall-kostijiet tal-programmi ta' monitoraġġ.

(c) Kooperazzjoni transkonfinali

Il-koleġiżlaturi qablu li jżidu l-kooperazzjoni transfruntiera, filwaqt li jiżguraw li l-Istati Membri affettwati u l-Kummissjoni jiġu infurmati immedjatament dwar ċirkostanzi eċċezzjonali ta' għargħar estrem, nixfiet fit-tul jew tniġġis transfruntier aċċidentali u li tiġi stabbilita kooperazzjoni adegwata.

(d) Aċċess għall-ġustizzja

Filwaqt li dan is-suġġett ma kienx kopert fil-proposta tal-Kummissjoni, il-koleġiżlaturi qablu li jintroduċu dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-aċċess għall-ġustizzja f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus b'mod simili għal dawk introdotti f'leġislazzjoni maqbula reċentement bħad-direttiva riveduta dwar it-trattament tal-ilma urban mormi, fir-rigward ta' atti u ommissjonijiet soġġetti għall-Artikoli 4, 11 u 13 (jiġifieri l-oġġettivi ta' status tajjeb, il-programmi ta' miżuri u l-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċiri tax-xmajjar).

(e) Introduzzjoni mill-ġdid tal-proċedura leġislattiva ordinarja għall-aġġornament tal-listi ta' sustanzi niġġiesa għall-ilma ta' taħt l-art u għall-ilma tal-wiċċ

Il-koleġiżlaturi ma segwewx il-proposta tal-Kummissjoni li nimxu minn atti leġislattivi għal atti delegati għal emendi futuri għal-lista ta' sustanzi niġġiesa u l-istandards ta' kwalità relatati fl-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art, filwaqt li tinżamm il-proċedura leġislattiva ordinarja għal emendi futuri. Huma żammew ukoll l-obbligu attwali għall-Kummissjoni li tagħmel proposti leġislattivi għall-Istati Membri biex jeliminaw progressivament l-emissjonijiet ta' sustanzi prijoritarji perikolużi fi skeda ta' żmien li ma taqbiżx l-20 sena mill-elenkar tas-sustanza.

(f) Użu ta' atti delegati vs użu ta' atti ta' implimentazzjoni

Dwar il-konverżjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-komitoloġija biex jadattaw għat-Trattat ta' Lisbona, il-koleġiżlaturi jistgħu jaqblu dwar il-proposti kollha tal-Kummissjoni, ħlief għall-adozzjoni ta' valuri ta' referenza armonizzati għall-fini tad-determinazzjoni tal-istatus tal-elementi ta' kwalità bijoloġika fl-ilma tal-wiċċ (li jirriżultaw mill-hekk imsejjaħ "eżerċizzju ta' interkalibrar"), fejn il-koleġiżlaturi qablu dwar atti ta' implimentazzjoni.

(g) Klawżola ta' nondeterjorament u eżenzjonijiet

Il-kwistjoni ma kinitx koperta mill-proposta tal-Kummissjoni. Il-koleġiżlaturi qablu, abbażi ta' proposta tal-Kunsill, li jinkludu **definizzjoni ta' "deterjorament tal-istatus"** f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Weser¹ biex tissaħħaħ iċ-ċarezza legali. Huma qablu wkoll li jintroduċu **żewġ eżenzjonijiet ġodda għall-prinċipju ta' nondeterjorament**: waħda biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-awtorizzazzjoni ta' proġetti ġodda li jikkawżaw biss deterjorament temporanju u oħra li tippermetti proġetti jew attivitajiet ġodda anke jekk jiddeterjoraw l-istat kimiku, dment li dan id-deterjorament ikun ir-riżultat ta' sempliċi rilokazzjoni ta' sustanzi niġġiesa minn korp tal-ilma għal ieħor, mingħajr ebda żieda netta fit-tniġġis u soġġett għall-fatt li l-korp tal-ilma

¹ [Il-Kawża C-461/13](#)

riċeventi diġà jkun fi stat kimiku inqas minn tajjeb. L-eżenzjonijiet jipprevedu għadd ta' **salvagwardji addizzjonali** meta mqabbla mal-mandat inizjali tal-Kunsill. B'mod partikolari, fil-każ ta' proġetti li jwasslu għal deterjorament temporanju, għandu jkun hemm valutazzjoni ex ante u verifika ex post tal-fatt li d-deterjorament ma jkunx jista' jiġi identifikat wara sena jew, għal elementi ta' kwalità bijoloġika, wara tliet snin. Fir-rigward tar-rilokazzjoni ta' sustanzi niġġiesa, il-proġett/l-attività għandhom ikunu soġġetti għal regolamentazzjoni jew awtorizzazzjoni minn qabel biex jiġi żgurat li: jiġu applikati l-passi kollha possibbli għat-trattament tal-ilma qabel ir-rilokazzjoni; il-korp tal-ilma riċeventi diġà jinsab fi stat kimiku ħażin għall-biċċa l-kbira tas-sustanzi niġġiesa rilokati (u b'mod partikolari s-sustanzi l-aktar persistenti u bjoakkumulattivi) u mhux mistenni li jiddeterjora l-istatus ekoloġiku tiegħu bħala riżultat tar-rilokazzjoni; il-korpi tal-ilma użati għall-ilma tax-xorb mhumiex affettwati; ma hemm l-ebda għażla ambjentali aħjar disponibbli, għal raġunijiet ta' fattibbiltà teknika jew kost sproporzjonat.

(h) Skadenzi għall-konformità u t-traspożizzjoni

Il-koleġiżlaturi qablu dwar **skadenza għat-traspożizzjoni tal-21 ta' Diċembru 2027** li se tiżgura li l-Istati Membri jintegraw id-dispożizzjonijiet il-ġodda bħala parti miċ-ċiklu li jmiss tal-ippjanar tal-ġestjoni tal-baċiri tax-xmajjar. Fir-rigward **tal-iskadenza tal-konformità għal sustanzi identifikati ġodda**, il-ftehim jipprevedi kemm il-konformità tal-ilma tal-wiċċ kif ukoll tal-ilma ta' taħt l-art sa tmiem l-2039, bil-possibbiltà li jiġu applikati eżenzjonijiet relatati maż-żmien għal ċiklu ieħor, jiġifieri sa tmiem l-2045.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tappoġġa r-riżultati tan-negożjati interistituzzjonali u għalhekk tista' taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.